# EGHLUQ IL-25 SENA MILL-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TA' MONS. EMANUEL GERADA.

Ezattament nhar il-Hamis, 18 ta' Gunju, 1992, filwaqt li fiz-Zejtun inkunu qeghdin niccelebraw it-tieni jum tat-Tridu tal-Festa ta' Santa Katarina, l-Ecc. Tieghu Mons. Emanweli Gerada jaghlaq 25 sena li jkun ilu ordnat Isqof. Hu ta' gieh ghall-parrocca taghna li l-Mulej ghogbu jsejjah wiehed minna biex iwettaq missjoni hekk tqila u delikata fi hdan il-Knisja Mqaddsa.



Il-Karriera fil-Korp Diplomatiku tal-Knisja haditu f' bosta pajjizi 'l boghod mill-Gzejjer Maltin, u f' diversi minn dawn il-pajjizi Mons. Gerada kellu jhabbat wiccu ma' sitwazzjonijiet ekklezjastici, politici u socjali verament dificili.

Mons. Gerada mhux l-ewwel Isqof li twieled iz-Zejtun, jew li kellu rabta intima maz-Zejtun. Insemmu qablu lil Mons.Antonju Zahra, l-isqof minn Bisqallin, lil Mons. Gorg Caruana, l-isqof li tant habb lill-parocca taghna, u lil Mons. Emanueli Galea, l-isqof li dam joqghod fostna mhux anqas minn 35 sena!

## Jum l-Ordinazzjoni Episcopali.

Kien il-Hadd, 18 ta' Gunju, 1967. Il-Konkatidral ta' San Gwann kien mimli bin-nies, hafna minnhom miz-Zejtun, meta Mons. Emanweli Gerada kien qed jigi ordnat isqof minn Mons. Mikiel Gonzi, Arcisqof ta'Malta, assistit mill-Vigarju Generali tad-Djocesi, l-isqof Galea, u minn Patrick Dunne, isqof titulari ta' Nara u awziljarju ta' l-Archisqof ta' Dublin, l-Irlanda. Ic-cerimonja ta' l-ordinazzjoni episkopali kienet presieduta minn Nunzju Apostoliku f' Malta, l- Ecc. Tieghu Martin John O'Connór. Mons. Gerada gie wkoll mahtur isqof awziljarju ta' Malta u isqof titulari ta' Nomentum.

## Dun Manwel Sacerdot.

Nhar l-ordinazzjoni episkopali tieghu Mons. Gerada kellu 47 sena. Huwha twieled fiz-Zejtun mill-ispizjar Onoratu Gerada, u Katarina, nee' Cannataci, fit 18 ta' Mejju 1920. Hu wera hegga ghat - taghlim u l-istudju sa minn ckunitu. Studja taht "De La Salle Brothers" u fil-Liceo. Dahal l-Universita ta' Malta fejn iggradwa fil-Letteratura u wara gie ordnat sacerdot nhar l-1 ta'Awissu 1943, meta Malta kienet bilkemm ghaddiet mill-qilla u t-tbatija enormi tat-tieni gwerra Dinjija. Matul il-gwerra il-qniepen tal-Knisja ma kienux jindaqqu, izda kisru s-silenzju monotonu taghhom biex daqqew ferhana nhar l-ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Manwel tliet gimghat wara l-Ordinazzjoni tieghu. Is-sena ta' wara hu gie regalat borza ta' studju mill- British Council u beda kors fl-Universita' ta' Nottingham, l-Ingilterra. Huwa ghallem wkoll ghal ftit zmien fis-Seminarju ta' Malta.

## Karriera Diplomatika.

Fil-kors ta' Teologija fl-Universita' ta' Malta, Dun Manwel kien gie l-ewwel fost shabu kollha, u bhala rizultat ta' dan, hu kompla jistudja fl-Universita Gregorjana ta' Ruma,fejn iggradwa fil-ligi tal-Knisja. Fil-Pontificia Accademia ta' Ruma, hu ghamel kors specjali fid-Diplomazzija tal-Knisja. L-intelligenza u l-kwalitajiet tajba ta' dan is-sacerdot kienu mfahhra minn Mons. Giov. Battista Montini, li wara lahaq Papa Pawlu VI, meta kiteb lill Archisqof Gonzi : "Eccelenza, ibaghtulna sacerdoti ohra bhal Dun Gerada". Waqt it-tieni sena ta' l-istudju tieghu fl-Accademja,Dun Manwel beda wkoll jahdem fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan.

(IKOMPLI PAGNA 9 ...)

(...Ikompli min pagna 7)

Hekk bdiet ghalih karriera twila diplomatika li ghadha ma spiccatx. Fl-1952 beda jahdem fl-Internunzjatura ta' Egittu u sena wara gie mibghut fi New Delhi, l-Indja, bhala segretarju ta' l-Internunzju. Kien dak iz-zmien li Dun Manwel gie onorat bit-titlu ta' Kamrier Sigriet tal-Papa, u hekk beda jissejjah Monsinjur. Fl-1956 Mons. Gerada mar l-Irlanda ghal-ewwel darba bhala segretarju tan-Nunzju, l-E.T. Mons. Levame,li mieghu kien diga' hadem fl-Egittu. Wara l-mewt tan-Nunzju Mons. Gerada kellu jmexxi x-xoghol tan-Nunzjatura kollu hu. Fl-1952 gie trasferit bhala "Uditore" fin-Nunzjatura ta' Tokyo, Gappun, u hames snin wara gie mibghut il-Messiku. Fl-1966 gie mahtur "Charge d' Affairs" fi Rwanda, fl-Afrika tan-nofs. Wara mawra f' Ruma hu gie nominat Isqof, u irritorna Malta fit-3 ta' Gunju 1967.

## Zmien mill-aktar difficli f' El Salvador

F' Jannar, 1974, Mons. Gerada gie nominat Nunzju ghall-Vatikan fil-Gwatemala u El Salvador. Dan il-pajjiz kien mifni b'firda kbira bejn il-Gvern u l-bdiewa foqra, firda li kienet qeghda tikkawza hafna qtil.Bhala rapprezentant tal-Vatikan, Mons. Gerada kellu jimxi bi prudenza kbira,biex il-knisja tkun tista taqdi l-missjoni taghha fil-liberta' minghajr ebda ostaklu, u tirrenja possibilment il-kalma. Wara dan il-periodu, Mons. Gerada gie nominat Pro Nunzju fil-Pakistan, fejn ghadda tmien snin ohra, u prezentement jinsab Nunzju fl-Irlanda.

***Minn qalbna nifirhu lill-Isqof Gerada fl-okkazjoni tal-Gublew Episkopali tieghu u nweghduh it-talb taghna.***

## FESTA TAL-QALB TA' GESU'

**Il-Gimgha 26 ta' Gunju 1992**

*Gurnata Adorazzjoni fil-knejjes kollha.*

6.30 p.m. Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali, Processjoni u Konsagrazzjoni tal-Parrocca taz-Zejtun lill-Qalb Imqaddsa ta' Gesu'.


# St.Francis Store

(Prop. F. Cassar)

**Triq is-Suq, Zejtun. Tel: 677810**

Ghal:

**INDESIT**: Fridges, Freezers, Cookers.

**CANDY**: Fridges, Freezers, Cookers.

**KALVEMATOR**: Fridges, Freezers, Cookers.

**SITAL**: Fridges, Freezers, Cookers.

Washing Machines **VELOMATIC**

Washing Machines **SERVICE**

Washing Machines **CANDY**

Spin Dryer **THOMAS**

Saqqijiet Orthopeadic **WINDSOR** u **HOME**

Televisions tal-Kulur

u kull xorta ta' rigali u affarijiet tad-dar.

**10% Discount fuq Cash.**